KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sebgha u Tmenin (87)***

***It-Tlieta, 18 ta' Settembru, 2018***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**87.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

87.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji.

**87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

87.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 86 li nzammet nhar l-Erbgha 29 ta' Awwissu 2018.

87.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 86 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

87.2.3 **Mozzjoni 87-01:** Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 86. Din il-mozzjoni giet issekondata mill-Vici Sindku Emanuel Vassallo

87.2.4 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 86 gew approvati unanimament.

**87.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 87/2018 – Awwissu 2018***

87.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 87-2018 biċ-ċekkijiet numru 6205 sa 6229 li tammonta €19,218.96

87.3.2 **Mozzjoni 87-02**: Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 87-2018 bl-ammont ta' €19,218.96
Proponent: Rose Agius
Sekondant: Miriam Schembri
L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 87-2018 giet approvata unanimament.

## 87.4 Korrispondenza

87.4.1 Tressqet kwotazzjoni ghal xiri ta' pompa tal-bexx li tahdem bil-batterija ghall-prezz ta' €120. Il-Kunsill qabel li din tinxtara.

87.4.2 Tressqet kwotazzjoni ghal xiri ta' pompa tal-bexx kbira li tista tintuza fiz-zoni rurali, ghall-prezz ta' €465. Il-Kunsill qabel li tinxtara.

87.4.3 Tressqet korrispondenza dwar il-Laqgha tas-Sindki , fejn is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li din se ssir fis-27 t'Ottubru 2018.

87.4.4 Tressqet korrispondenza minghand il-Perit fejn wara li l-Kunsill talab li l-kont ta' €9482.85 jigi revokat, il-Perit wiegeb li se jtina rohs ta' 5% fuq il-kont.

87.4.5 Tressqet korrispondenza rigward proposta sabiex jitpoggew bins ghal gbir ta' hwejjeg fejn il-kollettur, wara diskussjonjiet mal-AKL, qieghed jaghti lill-Kunsill €20 ghal kull bin ghal kull xahar u dawn il-fondi jistghu jintuzaw ghas-sebh u l-manutenzjoni tal-lokal. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-kuntrattur ezistenti jekk hux lest li joffri l-istess proposta. F'kaz li dan ma jsirx, il-Kunsill jaqbel li jiffirma l-ftehim ma dan il-kollettur filwaqt li jwaqqaf is-servizz tal-kollettur l-iehor. Il-Kunsill qabel li jpoggi hames bins tal-hwejjeg madwar il-lokal.

87.4.6 Tressqet korrispondenza minghand il-Funding Support Office, fejn qed joffru is-servizz li timtela l-applikazzjoni ghall-Mizura 4 tal-GAL Xlokk. Il-Kunsill qabel li jqabbad din il-kumpanija.

87.4.7 Tressqet korrispondenza dwar talba ghal bozza fi Triq it-Tilliera. Il-Kunsill approva.

87.4.8 Tressqet korrispondenza dwar kont ta' bozzoz li twahhlu fejn il-Monument tal-annimali. Il-Kunsill qabel li ma jhallasx dan il-kont minhabba li l-Kunsill ma jistax ihallas pagamenti lil terzi persuni li mhumiex approvati mill-Kunsill filwaqt li dawn il-bozzoz ma kienux fil-*budget* tal-Kunsill.

87.4.9 Tressqet dwar kwotazzjoni ghal sprall tal-hadid fi Triq Santa Marija. Dan l-isprall tkisser minn persuna li telghet fuq il-bankina bit-trakk. Din il-kwotazzjoni tammonta €218.38. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ppropona li tingieb stima ghal cast iron grid. Il-Kunsill qabel li jsir u lill-persuna li ghamel il-hsara nitolbuh kumpens ta' 30euro ghal hsarat li saru.

***F dan l-istadju tal-laqgha attenda il-Kunsillier Keith Fenech (18:50)***

87.4.10 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet pjanta tal-proposta tas-centre strip sabiex isir fuqha il-mafkar propost mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp. Il-Kunsill qabel li l-pjanta ghandha tintbaghat it-TM ghall-approvazzjoni.

## <u>87.5 Attivitajiet ghal zmien il-Milied</u>

87.5.1 Is-Sindku Darren Abela fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li ltaqa' mad-disinjattrici tal-presepju li hu pjanat li jsir fil-Pjazza. Huwa qal li sa l-ahhar ta' dan ix-xahar ghandu jitlesta l-isketch tad-disinn propost sabiex jigi pprezentat fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

87.5.2 Rigward id-dawl li jintrama fit-toroq, il-Kunsill qabel li jaghmel laqgha mal-kazini sabiex jara l-proposti u dawn jitresqu fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

87.5.3 Rigward il-bnadar li bdejna nahdmu fuqhom is-sena l-ohra, is-Sindku qal li se jkellem lil min kien qed jahdem fuqhom minhabba li dan m'ghadux jahdem mal-Kunsill.

## <u>87.6 Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

87.6.1 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li se ssir laqgha rigward il-progett tal-*campsite* u stieden lil min jixtieq jattendi.

87.6.2 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-applikazzjoni tal-bini f'Palazzo Giannini fejn se jinbena tletin appartament. Il-Kunsill jibda isostni li huwa kontra l-izvilupp minhabba li l-post huwa skedat u ta valur storiku. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

87.6.3 Is-Sindku Darren Abela qal li fi Triq il-Hareb u Triq il-Gudja hemm ta' access gol-garaxxijiet minhabba s-sinjali ta' parkegg. Il-Kunsill qabel li jibghat it-TM sabiex jigwidaw lill-Kunsill kif jistghu jitrangaw is-sinjali.

87.6.4 Is-Sindku Darren Abela nforma lill-Kunsill li se ssir laqgha mal-Wasteserv u mat-TM dwar il-progett tal-Bypass u min hu nteressat jista jattendi.

87.6.5 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-bejgh tal-garaxx tal-Kunsill, fejn is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li jista jinhareg it tender izda qed tistenna linji gwida sabiex dan ikun jista' jinhareg. Rigward il-garaxx ta' Triq ir-Rebbiegha il-Kunsill talab sabiex ma jinharigx it-tender.

87.6.6 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar iz-zona ta' Bir id-Deheb fejn qal li tkellem mal-kuntrattur taghna sabiex inaddaf iz-zona. Il-Kunsill qabel li dan jithallas extra ghal dawn ix-xoghlijiet. Wara li l-Kunsill baghat ittra lis-sidien tal-hwienet, jidher li sar progress, izda il-kunsill qabel li tinbaghat korrispondenza lil kuntrattur sabiex ibattal kuljum. F'kaz li dan ma jsirx il-Kunsill se jkun qieghed inehhihom u jkellem lill-kuntrattur taghna.

## <u>87.7 Mozzjonijiet</u>

Annessi mal-Minuti

**87.8 Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri**

87.8.1 Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet ilment dwar skart li qed jinhareg maz-zuntier tal-Knisja. Il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra lir-residenti bl-iskeda tal-hrug ta' skart u ninfurmawhom biex il-boroz jithallew wara l-bibien tar-residenzi.

**87.9 Tmiem tal-laqgha u data ts-seduta li jmiss**

87.9.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2018 fl-5.30pm.

Il-Laqgha ntemmet fit-8.00pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 87**

**Mozzjoni Ref:** 87-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 86

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Rose Agius | Emanuel Vassallo |

---

**Data:** 18 ta' Settembru 2018

Fiona Said
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 87**

**Mozzjoni Ref:** 87-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 87

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Rose Agius | Miriam Schembri |

**Data:** 18 ta' Settembru 2018

Fiona Said
**Segretarju Ezekuttiv**